MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 965/2012

**Manoel Island Yacht Marina Limited**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u P.L. Peter Paul Sammut gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-bastiment MY LA MIMA b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-25 ta' Settembru 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti topera marina maghrufa bhala Manoel Island Yacht Marina gewwa Manoel Island, il-Gzira;

2. Illi dan l-operat jikkonsisti f'dghajjes li jinghataw id-dritt li jorbtu ma' "pontoons" f'post specifiku assenjat lihom fl-imsemmi marina versu hlas u fejn in oltre jigi provdut dawl u ilma lill-istess dghajjes versu pagament skont l-uzu tal-istess;

3. Illi fil-fatt il-bastiment maghruf bhala MY La Mima ilu marbut fil-marina msemmija ghal diversi snin;

4. Illi skont id-dokument MIYM1 l-ammont dovut mil-bastiment intimat sal-lum huwa ta' tlieta u erbghin elf mija u sebgha u disghin ewro u zewg centezmu (€43,197.02c) rapprezentanti inter alia "berthing fees", u provista ta' dawl u ilma;

5. Illi l-bastiment intimat baqgha ma hallasx l-ammont dovut hawn fuq indikat;

6. Illi ghalhekk illum il-gurnata u fid-data tal-presentata tal-presenti kawza is-somma hawn fuq imsemmija hija somma certa, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghandha tithallas mil-bastiment intimat lis-socjeta rikorrenti;

7. Illi s-socjeta rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna l-bastiment intimat ihallas is-somma ta' tlieta u erbghin elf mija u sebgha u disghin ewro u zewg centezmu (€43,197.02c) lis-socjeta rikorrenti;

Bl-ispejjez, bl-imghax kummercjali mid-data minn meta l-ammont effettivament kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tghid hekk:
1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-bastiment MY La Mima

m'humiex presentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar ‘il quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jidher mill-atti senjatament mill-verbal tal-21 ta’ Mejju 2013 illi s-sorte gie mhallas fil-mori tal-kawza izda skond ix-xhieda ta’ Dr. Adrian Camilleri fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2013, l-imghax u l-ispejjez gudizjarji baqghu ma gewx saldati.

Billi l-Qorti tqis illi l-hlas tas-sorte jindika ammissjoni tad-debitu, l-istess bastiment hu obbligat ghal-hlas tal-imghax fuq l-ammont.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi, billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba billi s-sorte gie saldat mill-bastiment intimat fil-mori tal-proceduri, u tikkundanna lill-istess bastiment ihallas l-imghax kif mitlub sad-data li sar il-pagament tas-sorte lis-socjeta attrici. Bl-ispejjez kontra l-bastiment intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------